

Emenda 1**Eduard Kukan**

f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Knut Fleckenstein**f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ir-Rapport 2015 dwar l-Albanija**B8-0440/2016****Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 10***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jinnota l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR rigward il-proċess elettorali wara l-elezzjonijiet lokali ta' Ġunju 2015, meta osservaturi internazzjonali identifikaw għadd ta' irregolaritajiet; jilqa' t-twaqqif ta' kumitat parlamentari ad hoc dwar ir-riforma elettorali f'Jannar 2016 u jhegġegħ l-implimentazzjoni effikaċi tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitħejjew u jitwettqu l-elezzjonijiet li jmiss; jinsab imħasseb dwar il-politiċizzazzjoni globali tal-proċess elettorali, u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw fost l-oħrajn in-nuqqasijiet proċedurali, inklużi t-tilwim elettorali, l-indipendenza tal-kummissjonijiet elettorali, it-trasparenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-partiti politiċi, l-allegati każijiet ta' xiri ta' voti u ta' intimidazzjoni tal-votanti u l-abbuż mir-riżorsi tal-istat, u dan sabiex tissaħaħ il-fiduċja pubblika fil-proċess elettorali; jinnota li l-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) jeħtiġilha tistabbilixxi responsabbiltajiet interni ċari biex tissorvelja l-finanzi tal-partit u tmur lil hinn mis-sempliċi sħarriġ formali dwar id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partiti politiċi;

Emenda

10. Jinnota l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR rigward il-proċess elettorali wara l-elezzjonijiet lokali ta' Ġunju 2015, meta osservaturi internazzjonali identifikaw għadd ta' irregolaritajiet; ***jisħaq li l-elezzjonijiet parlamentari tal-2017 se jkun test importanti għall-proċess ta' integrazzjoni tal-Albanija fl-UE; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jagħmlu kull sforz sabiex iħejju għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti***; jilqa' t-twaqqif ta' kumitat parlamentari ad hoc dwar ir-riforma elettorali f'Jannar 2016 u jhegġegħ l-implimentazzjoni effikaċi tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitħejjew u jitwettqu l-elezzjonijiet li jmiss; jinsab imħasseb dwar il-politiċizzazzjoni globali tal-proċess elettorali, u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw fost l-oħrajn in-nuqqasijiet proċedurali, inklużi t-tilwim elettorali, l-indipendenza tal-kummissjonijiet elettorali, it-trasparenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-partiti politiċi, l-allegati każijiet ta' xiri ta' voti u ta' intimidazzjoni tal-votanti u l-abbuż mir-riżorsi tal-istat, u dan sabiex tissaħaħ il-fiduċja pubblika fil-proċess elettorali; jinnota li l-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) jeħtiġilha tistabbilixxi responsabbiltajiet interni ċari biex

tissorvelja l-finanzi tal-partit u tmur lil hinn
mis-sempliċi stħarriġ formali dwar id-
dikjarazzjonijiet magħmula mill-partiti
politiċi;

Or. en